MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2011

Avviz Numru. 23/2011

**Mobisle Communications Ltd. (C24655)**

**Vs**

**Mitova Rozalina Panayotova**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Jannar 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef , mitejn u tletin Ewro w sebgha w disghin centesmu (€4,230.97), liema somma hija dovuta minnha in konnessjoni mas-servizz rez lilha (kont numru (AC451010) ) .

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti w tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali w bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier John Francica datata 10 ta' Gunju 2011 fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali tas-Swieqi, fl-ghassa tal-pulizija tas-Swieqi, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici (fol. 10 tergo).

Illi l-konvenuta giet notifikata b'din il-kawza wkoll permezz ta' avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern tal-10 ta' Gunju 2011 u fil-gazetta lokali The Times of Malta datata 4 ta' Lulju 2011.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 l-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici w lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. F'din is-seduta l-Prokuratur Legali Noel Scerri pprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenuta.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma t'erbat elef, mitejn u tletin Ewro w sebgha w disghin centezmu (€4,230.97) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------